MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 1/2008

**C & L Calleja Trading Limited – C-28851**

**Vs**

**Neville Zahra, ezercitanti l-kummerc taht l-isem JP Discount Store**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` Dicembru, tas-sena 2007 fejn gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` €458.42c, rapprezentanti prezz ta` hut debitament mibjugha u kkonsenjati lil konvenut fuq ordnijiet tieghu stess.

Illi minkejja li saru diversi interpellanzi ghal tali hlas inkluz permezz ta` ittra legali datata 8 ta` Dicembru, 2007 skond kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok. B, ebda pagament baqa` ma sar.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni nkluzi f`dawn l-ispejjez u dawk konnessi ma` mandat ta` sekwestru kawtellatorju prezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u kif ukoll bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi, liema fatturi jinsabu ezebiti ma` l-istess avviz u mmarkati bhala Dok. A.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Gie notat ukoll li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta ta` llum.

Sema` lil Dr. Victor Axiaq prodott mis-socjeta` attrici li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi ma kien sar ebda pagament da parti tal-konvenut fil-mori ta` dawn il-proceduri.

Ezamina d-dokumenti ezebiti fosthom il-fattura mmarkata bhala Dok. A u l-ittra interpellatorja mmarkata bhala Dok. B in vista tal-fatt illi l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici jinsab ampjament ippruvat tramite x-xhieda ta` l-istess Dottor Axiaq u tramite d-dokument ezebit bhala Dok. A, in vista wkoll ta` nuqqas ta` oppozizzjoni jew kontestazzjoni da parti ta` l-konvenut.

It-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut Neville Zahra sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €458.42c, bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tat-3 ta` Dicembru, 2007 u bl-ispejjez kollha kif mitluba ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------